MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 109/2011

**Helen Milligan**

**vs.**

**Anthony sive Tony Xuereb**

Il-Qorti

**Sentenza Preliminari rigward L-Ewwel Eccezzjoni Kontenuta fir-Risposta Guramentata Ghall-Kontro-Talba, liema Risposta Guramentata tinsab *a fol.* 63**

Rat li fir-Rikors Guramentat (*a fol.* 1 *et seq.*) l-attrici Helen Milligan ppremettiet u talbet is-segwenti:

*Illi permezz ta' Mandat ta' Inibizzjoni dwar Safar ta' Minuri Numru 38/2011 tat-2 ta' Dicembru, 2011, ir-rikorrenti qua intimat Anthony Xuereb, ghamel talba sabiex il-Qorti tordna lill-intimata qua rikorrenti sabiex tiddepozita il-passaport ta' Tyrell Xuereb Milligan mar-Registratur tal-Qorti.*

*Illi minkejja l-oggezzjoni taghha fir-risposta taghha tat-3 ta' Dicembru, 2011, il-Qorti permezz ta' digriet tat-23 ta' Dicembru, 2011, ordnat lill-appellanta sabiex "fi zmien erbat (4) ijiem tiddepozita l-passaport ta' Tyrell Xuereb Milligan mar-Registratur tal-Qorti."*
*Illi fil-fatt il-passaport in kwistjoni kien diversi drabi mertu ta' diversi dibattiti ohra li gia gew trattati quddiem il-Qorti.*

*Illi infatti fl-atti tar-Rikors Guramentat Numru 10/2008 permezz ta' digriet tad-9 ta' Gunju 2009, din il-Qorti kif diversament preseduta ddekretat illi:*

*"As to the request for seizure of the passport, the Court confirms that plaintiff (Helen Milligan) has the right to make use of such passport since the minor Tyrell Xuereb Milligan cannot be removed from these islands unless the Court expressly consents to the departure by means of a Court decree. The Court reiterates that neither party is to take Tyrell Xuereb Milligan abroad without the Court's authorisation. Under the circumstances the Court does not consider that it is necessary to give any further order to the passport in question."*

*Illi ghalhekk jidher car illi permezz ta' tali digriet il-Qorti qeghda f'dan ir-rigward tikkontradixxi r-ragunament taghha stess fis-sens illi minkejja illi c-cirkostanzi tal-kaz ma nbidlux, il-Qorti marret kontra digrieti ohra moghtija precedentement.*

*Illi nonostante dan kollu, il-passaport minnu nnifsu jibqa' propjeta' tal-Kummissjoni Gholja Brittanika kif ukoll proprjeta' tal-istat Brittaniku u ghaldaqstant sakemm l-appellanta ma tkunx interpellata b'xi mod mill-istat Brittaniku hija m'ghandha l–ebda jedd u dritt illi terhi minn taht il-kustodja taghha l-passaport mahrug mill-istess Kummissjoni Gholja Brittanika f'isem il-minuri Tyrell Xuereb Milligan.*

*Illi kif indikat fuq l-istess passaport mahrug mill-Kummissjoni Gholja Brittanika, il-passaport jibqa' proprjeta' tal-Gvern tal-Maesta Taghha fir-renju Unit:*

*"This passport remains the property of Her Majesty's Government in the United Kingdom and be withdrawn at any time. It should not be tampered with or passed to an unauthorized person."*

*Illi tali digriet imur kontra l-principji bazilari tad-drittijiet stante illi tenut kont illi l-minuri Tyrell Xuereb Milligan huwa cittadin Brittaniku, huwa ghandu kul dritt kif ukoll huwa fl-ahjar interess tal-istess minuri illi jinhariglu passaport Brittaniku.*

*Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, kif ukoll ghar-ragunijiet kollha l-ohra kif ser jigu trattati fil-kors tal-kawza, ir-rikorrenti tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tirrevoka d-digriet tat-23 ta' Dicembru, 2011 contrario imperio fis-sens illi hija zzomm pussess tal-istess passaport tal-minuri Tyrell Xuereb Milligan.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni dwar Safar ta' Minuri Nru. 38/2011 kontra l-intimat illi minn issa qieghed jigi ngunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Guramentata (*a fol.* 14 *et seq.*) tal-konvenut Anthony Xuereb fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *Illi ir-rikors guramentat tal-attrici hua frivolu u vessatorju u din il-kawza giet intavolata bl-iskop esklussiv bhala parti mill-attentati kontinwati tal-attrici biex akkost ta' kollox tipprova titlaq bil-minuri minn barra l-pajjiz.*

2. *Illi ghal dan il-ghan qed issir pjena riferenza ghar-rikors numru 62/2012 (PC) li appuntu gi intavolat f'dawn l-ahhar granet, u li jkompli jsahhah din it-tezi – kopja annessa u markat bhala dok. AX1.*

3. *Illi l-principju nemo auditor turpitudinem allegans huwa perfettament applikabbli ghall-kaz odjern ghaliex matul it-trattazzjoni tal-kawza ser jigi pruvat il-mod ta' kif l-attrici applikat u ottjeniet passaport billi xjentement ghamlet dikjarazzjonijiet u rapprezentazzjonijiet foloz u qarrieqa.*

4. *Illi filwaqt li fir-rikors guramentat taghha l-attrici tikkwota paragrafu mid-digriet tad-9 ta' Gunju 2009, mill-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 10/2008, dan qed taghmlu b'mod skorrett ghaliex konvenjentament thalliet barra il-kelma tant determinant "NO", fis-sens illi l-fatt hu kuntrarju ghal dak imnizzel fr-rikors tal-attrici, ghaliex dak id-digriet propjament jghid:*

   *" ..the Court confirms that plaintiff (Helen Milligan) has* ***no*** *right to make use of such passport…"*

5. *Illi l-attrici kemm-il darba, u b'diversi mezzi giet mitluba minn ufficjali tal-Kummissjoni Gholja Brittanika, mill-Pulizija u sahansitra mill-Qorti biex*

*tirritorna l-passaport tal-minuri u hi dejjem irrifjutat. Dan kollu kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza - dan ir-rifjut kien purament motivate mill-isperanza li xi darba dan il-passaport jista' jintuza ghaliex ghalkemm invalidat, il-passaport ma ghandu ebda annotazzjoni fuqu li juri dan.*

6. *Illi dan kollu qed jinghad salv eccezzjonijiet ulterjuri u kontestwalment il-konvenut qed jintavola konro-talba rikonvenzjonali a tenur tal-Artikolu 396 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.*

Rat il-Kontro-Talba tal-konvenut (*a fol.* 18 *et seq.*) Anthony Xuereb li permezz taghha ppremetta u talab is-segwenti:

1. *Illi iben il-partijiet, Tyrell Xuereb Milligan ilu mit-twelid tieghu u cioé fit-18 ta' Dicembru 2006, jghix f'dawn il-gzejjer.*

2. *Illi sa minn 31 ta' Jannar 2007, kien hemm ordni (kopja annessa bhala dok AX2) tal-Qorti li tghid:*

   *"the parties undertake that none of them shall take the minor out of the Maltese islands without the prior consent of the other party and failing that without the prior authority of the Court".*

3. *Illi fit-22 ta' Ottubru 2007, l-attrici rikonvenuta applikat ghall-passaport ghall-minuri mal-Kummissjoni Gholja Brittanika bl-ghan li ssiefer bil-minuri fl-20 ta' Novembru 2007. Dan gie wkoll dikjarat mill-attrici rikonvenuta fl-applikazzjoni stess u dan kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.*

4. *Illi fl-imsemmija applikazzjoni ghal-passaport tal-minuri l-attrici rikonvenuta ghamlet dikjarazzjoni falza meta iffirmat dikjarazzjoni cara (kopja annessa u markata bhala Dok. AX3 li tghid):*

   *"My right in respect to the above named child (Tyrell Xuereb Milligan) have not been limited in any way by the order of any court having jurisdiction over him." (sic)*

5. *Illi fit-23 ta' Ottubru 2007, cioé gurnata wara li l-attrici rikonvenuta applikat ghall-passaport ghall-minuri, intavolat rikors quddiem il-Qorti (Ittra Nru 62/2007) kopja annessa u mmarkata bhala Dok AX4, fejn inter alia talbet lill-Qorti biex "fl-ahhar nofs ta' Novembru 2007", "tawtorizzaha tmur ghall-btala l-Ingilterra" u "konsegwentament tordna li jinhareg passaport ghall-minuri…".*

6. *Illi fid-29 ta' Ottubru 2007 inhareg il-passaport tal-minuri – meta lanqas biss kienet ghada harget notifika mill-Qorti dwar it-talba tal-attrici rikonvenuta, wisq anqas kien hemm cans ghal risposta jew decizjoni mill-Qorti.*

7. *Illi fil-21 ta' Novembru 2007, il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attrici rikonvenuta, biex jinhareg passaport ghall-minuri u biex tiehdu barra minn Malta – kopja tad-digriet anness u markat bhala dok AX5.*

8. *Illi fit-2 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni Gholja Brittanika infurmat lil konvenut rikonvenut, li l-passaport tal-minuri kien gie "electronically cancelled," u dan wara investigazzjonijiet li huma stess kienu ghamlu li minnhom irrizultaw li l-passaport kien inhareg fuq dikjarazzjoni falza u wara li saru diversi talbiet biex l-attrici rikonvenuta tirritorna l-passaport lil Kummissjoni Gholja Brittanika, liema talbiet l-attrici rikonvenuta qatt ma obdiet. Dan kollu ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kontro-talba rikonvenzjonali.*

9. *Illi wara diversi rikorsi matul iz-zmien, anke mill-Pulizija Ezekuttiva, biex l-attrici rikonvenuta ma zommx il-passaport tal-minuri, il-Qorti fit-23 ta' Dicembru 2011 ordnat lill-attrici rikonvenuta biex tiddepozita l-passaport tal-minuri mal-Qorti kopji annessi u markati Dok AX6 u AX 7.*

10. *Illi l-attrici rikonvenuta ghadha sal-lum taghmel sforzi u manuvri biex jerga' jkollha f'idejha passaport tal-minuri u biex issiefer bil-minuri taht skuzi varji.*

*Ghaldaqstant tghid ghalhekk l-attrici rikonvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddkjara li, il-minuri Trell Xuereb Milligan hu abitwalment residenti fil-gzejjer Maltin ghal kull fini tal-Ligi;*[1]

2. *Tordna li, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, wara li jsir id-debitu process gudizzjarju, l-attrici rikonvenuta ma tistax tapplika ghal, jew izzomm f'idejha, l-ebda passaport f'isem Tyrell Xuereb Milligan, u lanqas thalli lil hadd iehor jaghmel hekk;*

3. *Tiddikjara li bejn il-21 ta' Ottubru 2007 u l-21 ta' Novembru 2007, f'dawn il-Gzejjer, l-attrici rikonvenuta akkwistat il-passaport Brittaniku numru 706452913 f'isem Tyrell Xuereb Milligan, billi ghamlet dikjarazzjoni falza fl-applikazzjoni;*

4. *Tiddikjara li l-attrici rikonvenuta, fid-dati, hin u cirkustanzi msemmija, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz, f'dokument mahsub ghall-awtorita' pubblika, jew intiz anke mhux ghall-*

---

[1] Din it-talba giet irtirata permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 144).

*awtorita' pubblika, bil-ghan li tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha jew ghal haddiehor;*

5. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti jirritorna l-passaport Brittaniku numru 706452913 f'isem Tyrell Xuereb Milligan, lill-Kummissjoni Gholja Brittanika f'Malta.*

*Bl-ispejjez tal-kawza u tat-talba rikonvenzjonali kontra l-attrici rikonvenuta, u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni skont il-Ligi.*

Rat ir-Risposta Guramentata (*a fol.* 63 *et seq*.) tal-attrici Helen Milligan ghall-Kontro-Talba tal-konvenut Anthony Xuereb fejn gie eccepiet is-segwenti:

*Illi fl-ewwel lok, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-kontro-talba pprezentata mill-konvenut stante illi l-mertu tal-kontro-talba m'ghandu xejn x'jaqsam mal-mertu tat-talba promossa mill-attrici fir-rikors guramentat originali taghha. L-mertu tal-kawza pprezentata mill-attrici rikonvenuta huwa d-digriet tat-23 ta' Dicembru, 2011 li permezz tieghu hija giet ordnata sabiex "fiz-zmien erbat (4) ijiem tiddepozita' l-passaport ta' Tyrell Xuereb Milligan mar-Registratur tal-Qorti." Min-naha l-ohra l-azzjoni promossa mill-konveut tirrigwarda mertu totalment differenti minn dak tat-talba originali. Ghalhekk, tali procedura ma ssib l-ebda konfort fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 396 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta u ghandha tigi skartata.*

*Illi apparti minn hekk, il-konvenut qieghed jipproponi l-kontrotalba tieghu fi kwalita' differenti minn dik li fiha jinsab imharrek fir-rikors guramentat u infatti huwa qieghed jipprezenta l-kontrotalba "f'ismu propju u bhala kuratur ad litem ta' ibnu Tyrell Xuereb Milligan". Id-dettami tal-Art. 400 tal-Kap. XII huma cari u inekwivoci "Il-konenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalita' ohra minn dik li fiha jkun imharrek …" Illi ghalhekk il-kontro-talba ma tistax tirnexxi lanqas f'dan ir-rigward.*

*Illi bl-akbar rispett, jispetta lil din l-Onorabbli Qorti illi tahtar kuratur ad litem tal-minuri Tyrell Xuereb Milligan, liema rikors il-konvenut diga' pprezenta fil-mori tal-kawza, u mhux jiddeciedi unilateralment illi jirrapprezenta lill-minuri, meta effettivament l-kura u l-kustodja tal-istess minuri giet fdata f'idejn l-attrici rikonvenuta permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-10 ta' Ottubru, 2011.*

*Illi t-talbiet tal-konvenut imorru oltre l-Gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi l-mod kif inhuma formulati ma jaqghux taht l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti peress illi din hija kwistjoni ta' natura kriminali u ghaldaqstant ma jidhlux fl-ambitu tal-Artikolu 32 tal-Kap. XII. Jidher illi l-konvenut ma jaghrafx jaghmel distinzjoni bejn il-kamp civili u dak kriminali ghax infatti jifformula t-talbiet tieghu fil-parametri ta' akkuza kriminali taht id-dipozizzjonijiet tas-Sub-Titolu III, tat-Titolu III tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel*

*Ktieb tal-Kap. IX tal-Ligijiet ta' Malta altru milli taht id-dispozizzjonijiet li taghhom il-Qrati Civili jistghu jiehdu konjizzjoni.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari suesposti, ir-rikors ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut huwa wiehed totalment frivolu u vessatorju intiz biss sabiex ghall-medezma darba jipprova joskura lill-persuna tal-omm.*

*L-ewwel talba tal-konvenuti sabiex jigi dikjarat li l-minuri huwa abitwalment residenti fil-Gzejjer Maltin tmur oltre kull provediment legali meta talba bhal dik m'ghandux ikun il-bzonn illi ssir kawza ad hoc sabiex sempliciment issir dikjarazzjoni li l-minuri Tyrell Xuereb Milligan huwa abitwalment residenti f'Malta, meta fatt bhal dan jista' jigi kkonstatat permezz tal-principji legali u dokumentazzjoni fattwali.*

*Illi fir-rigward tat-tieni talba tal-konvenut fejn qed tintalab dikjarazzjoni dwar il-hrug ta' passaport, ghandu jigi ritenut illi tali dikjarazzjoni gia tezisti u li l-konvenut stess iccita fil-kontro-talba tieghu. Dan minbarra illi kif dikjarat anke fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell gia indikata "… this will certainly not mean that plaintiff will have no opportunity to go on trips to England with her son, subject to those conditions which may be imposed by the court at the time of the request." Apparti hekk, il-konvenut ghax hass li dan ma kienx bizzejjed ha hsieb sabiex jintavola l-opportun Mandat ta' Impediment ghas-Safar ta' Minuri u l-proroga tieghu bin-Numru 38/2011 u apparti hekk talab ukoll il-konfiska tal-Passaport Brittaniku mertu tal-kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti. Ghalhekk isegwi illi t-tieni talba ma tistax tigi akkolta stante illi diga' giet determinata permezz ta' proceduri ohra.*

*Illi t-tielet u r-raba' talba filwaqt illi l-esponent tichad bl-akbar qawwa l-fatti hekk kif qed jigu allegati, huma totalment estranei ghall-Gurisdizzjoni u l-Kompetenza ta' din il-Qorti u ghaldaqstant m'ghandhiex tiehu konjizzjoni taghhom.*

*Illi l-hames talba ma tistax tigi determinata permezz tal-kontro talba tal-konvenut stante illi kwalunkwe decizjoni dwar il-passaport ghandha ssir wara li jsiru l-procedimenti opportuni u mhux fuq xi talba mill-partijiet anke in vista illi l-passaport minnu nniffsu huwa dokument li l-Istat Malti m'ghandu l-ebda Gurisdizzjoni dwaru izda jispetta lill-Gvern tal-Maesta Taghha fir-Renju Unit li tiehu azzjoni dwaru.*

*Illi fir-rigward tal-fatti kif promossi fil-kontro-talba l-attrici rikonvenuta ma tikkontestax l-ewwel zewg paragrafi, izda kategorikament tichad l-allegazzjonijiet dedotti fit-tielet sal-hhaxar paragrafi (it-tieni inkuzi).*

*Illi barra minn hekk l-attrici rikonvenuta taghmel referenza ghar-rikors taghha pprezentat f'dawn il-proceduri sabiex dawn il-proceduri jinstemghu permezz tal-Lingwa Ingliza ai termini tal-Kap. 189 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi hija ma tifhimx bil-lingwa Maltija;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 142) fejn l-konsulent legali tal-attrici Milligan informa lill-Qorti li *da parte* taghhom ma kellhomx provi xi jressqu rigward l-ewwel eccezzjoni (*a fol.* 63) kontenuta fir-Risposta Guramentata ghall-Kontro-Talba ta' Xuereb *stante* li hija eccezzjoni ta' natura legali.

Rat in-Nota pprezentata fis-17 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 144A) fejn il-Qorti giet infurmata li l-konvenut Xuereb ma kellux provi xi jressaq in konnessjoni mal-eccezzjoni in kwistjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 154 u 155).
Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Helen Milligan ipprezentata fis-6 ta' Frar 2015 (*a fol.* 156 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Anthony Xuereb ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 159 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel eccezzjoni (*a fol.* 63) kontenuta fir-Risposta Guramentata ghall-Kontro-Talba ta' Xuereb taqra hekk:

> "Illi fl-ewwel lok, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-Kontro-Talba pprezentata mill-konvenut stante illi l-mertu tal-Kontro-Talba m'ghandu xejn x'jaqsam mal-mertu tat-talba promossa mill-attrici fir-rikors guramentat originali taghha. Il-mertu tal-kawza pprezentata mill-attrici rikonvenuta huwa d-digriet tat-23 ta' Dicembru 2011 li permess tieghu hija giet ordnata sabiex "fi zmien erbat (4) ijiem tiddepozita l-passaport ta' Tyrell Xuereb Milligan ghar-Registratur tal-Qorti". Min-naha l-ohra l-azzjoni promossa mill-konvenut tirrigwarda mertu totalment differenti minn dak tat-talba originali. Ghalhekk tali procedura ma ssib l-ebda konfort fid-dispozizzjonijiet

tal-Artikolu 396 tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta u ghandha tigi skartata".

Illi jehtieg li fl-ewwel lok issir referenza ghall-insenjamenti li jemanaw kemm mill-gurisprudenza kif ukoll mill-awturi dwar din il-materja.

Illi l-Artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li Kontro-Talba hija permessa (a) meta tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba ta' l-attur; jew (b) meta l-iskop tal-Kontro-Talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew li jimpedixxi l-effetti taghha.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Mario Cassar et vs. Cole Foods Limited**[2] gie rilevat illi tali Kontro-Talba hija permessa meta hemm:

*(i) La communanza di origine delle causi e vi e` communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolu, ovvero;*

*(ii) La eliminazione reciproca delle due domande che esiste non solo in caso di pretesa compensazione, ma anche quando le domande dell'attore verebbe a essere <u>in qualche altro modo</u> perente, ovvero benche il vincolo permanga, pure non posse produrre ulteriori effetti*[3].

Illi anki fis-sentenza **Gasan Insurance Agency Ltd noe vs. Simon Soler et**[4] gie ritenut li:

*"Effettivament l-estremi rikjesti ghar-rikonvenzjoni skond l-imsemmi artikolu jikkonsistu fl-ispjega elokwenti li nsibu fid-decizjoni klassika fuq din il-materja, riportata a Vol XXVII p1 p895:*

[2] Cit. Nru: 634/98RCP deciza fis-7 ta' Dicembru, 1999; Ara wkoll **Paul Bezzina et vs. Eagle Beams Ltd et,** Cit. Nru: 881/97RCP deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998.

[3] **Neg. Luigi Spiteri Debono vs. Neg. Charles Darmanin nomine** deciza fl-24 ta' Frar 1930.

[4] App. Civili Nru: 863/99PS deciz fit-22 ta' Novembru, 2002.

*(i) 'nella comunanza di origine delle due cause', ovvero;*
*(ii) 'nella eliminazione reciproca delle due domande'.*

Illi fis-sentenza **Joseph Scerri vs. Anna Fenech et**[5] il-Qorti ghamlitha cara *li l-fatt li l-ghan ta' parti mharrka jkun li ggib fix-xejn azzjoni mressqa konriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizzjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hija rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hija wahda minn dawk il-proceduri li l-Kodici ssejjah 'specjali'.*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Air Malta p.l.c. vs. Lawrence Borg noe**[6] il-Qorti dwar it-tifsir tal-konnessjoni mehtiega mal-azzjoni attrici biex tista' triegi l-Kontro-Talba tenniet li wiehed irid izomm quddiem ghajnejh ukoll li fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bhala zewg azzjonijiet li kapaci joqoghdu wahedhom f'ezistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-Artikolu 401 tal-Kodici jseddaq din l-awtonomija. Ghalhekk, b''konnessjoni' wiehed certament ma jifhimx li l-Kontro-Talba tkun dipendenti fuq it-talba jew in-natura taghha (Ara per ezempju, App. iv. 5/10/2001 fi-kawza fl-ismijiet **Sammy Meilaq noe vs. Oral Attinel pro et**). Izda l-elementi li trid il-ligi jridu jkunu murija sewwa biex il-Kontro-Talba tista' titressaq kif imiss.

Illi fis-sentenza appena citata l-Qorti qalet ukoll li *huwa stabilit li b'fatt' wiehed jifhem dik il-gabra ta' operazzjonijiet jew negozji li nisslet ir-rabta guridika (Ara Digesto Italiano (Vol IX) Voce 'Fatto' pa 548-9 u App. Kumm 6/02/1985 fil-kawza fl-ismijiet **Maria Grazia Fava vs. Salvino Farrugia** (mhix pubblikata)).*

Illi mbaghad kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Tonna vs. Alfred Debattista et**[7] *f'decizjonijiet ohra pero' jidher li l-interpretazzjoni li nghatat kienet pjuttost aktar wiesgha, tant li nghad*

[5] Cit Nru: 1672/2001JRM deciza fit-3 ta' Lulju, 2003.
[6] Cit Nru: 791/2003JRM deciza fit-30 ta' Gunju, 2004.
[7] Cit Nru: 1074/2005RCP deciza fit-3 ta' Mejju, 2007.

*li kemm-il darba jirrizultaw dawn il-kundizzjonijiet, tali Kontro-Talba hija wkoll ammessa, anke meta (a) ikun hemm azzjoni kambjarja* ***Guillaumier Industries Limited vs. Victor Vella et*** *P.A. (RCP) 4 ta' Dicembru 1998;* ***Dr. David Tonna nomine vs. Boris Arcidiacono nominee*** *– A.K. 28 ta' Novembru 1988;* ***Edgar Camilleri noe vs. David Cilia*** *- K.A.M. 18 ta' Marzu 1994;* ***Dr. Toni Abela vs. Carmelo Calabretta*** *(K. 6 ta' Frar 1991); (b) meta ghalkemm hemm zewg konvenuti giet npprezentata minn konvenut wiehed, (****Nicholas Ellul vs. Mary Cutajar et*** *– P.A. (FGC) 15 ta' Mejju 1998;* ***Guillaumier Industries Limited vs. Victor Vella et****) imbasta tali konvenuti li pproponew il-Kontro-Talba jagixxu fl-istess kwalita` li fiha gie mharrek (****Francesco Chetcuti vs. Mary Friggieri*** *- A.D. 24 ta' Mejju 1991).*

Illi ghar-rizoluzzjoni tal-kwezit inkwistjoni wiehed irid ihares lejn ir-Rikors mahluf kif ukoll lejn in-natura tal-Kontro-Talba, liema Rikors Guramentat u Kontro-Talba gew rapportati aktar il-fuq f'din is-sentenza.

Illi minkejja li l-Qorti staqsiet liz-zewg partijiet jekk kellhomx xi provi xi jressqu rigward l-eccezzjoni *de quo*, it-tnejn li huma ddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu.

Illi meta l-Qorti tifli sewwa l-azzjoni ewlenija, li hija azzjoni sabiex jigi revokat digriet datat 23 ta' Dicembru 2011, tasal ghall-fehma li l-Kontro-Talba mressqa ma taqax fil-parametri tal-"istess fatt" kif imfissra hawn fuq. Dan ghaliex wara li l-Qorti rat il-premessi u t-talbiet kontenuti fil-Kontro-Talba[8] jirrizultalha li dawn huma totalment differenti minn dawk tat-talba originali.

Ghalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti ssib li ma tezistix il-konnessjoni bejn l-azzjoni u t-talba rikonvenzjonali kif rikjesti mill-ligi u ghaldaqstant l-eccezzjoni ta' l-attrici Milligan ghall-kontro-talba ghandha tintlaqa'.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' l-attrici Helen Milligan fir-Risposta

[8] ghajr ghall-ewwel talba li giet irtirata permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 144).

Guramentata taghha ghall-Kontro-Talba tal-konvenut Anthony Xuereb u ghaldaqstant tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut Anthony Xuereb, bl-ispejjez kontra tieghu.

Tordna li s-smigh tal-kawza jitkompla bil-gbir tal-provi tal-attrici Helen Milligan.

______________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------